



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 31.7.2018  
COM(2018) 562 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**li jivvaluta l-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri skont id-Direttiva Kwadru dwar l-  
Istrateġija Marina**

{SWD(2018) 393 final}

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## li jivvaluta l-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina

### Il-ħajja u r-riżorsi tal-baħar: riżorsi essenzjali għall-pjaneta tagħna

L-importanza tal-ibħra u tal-oċeani għall-benesseri tal-pjaneta tagħna llum huwa fatt magħruf. L-attivitajiet tal-bniedem jeżerċitaw pressjonijiet<sup>1</sup> li jaffettwaw il-ħajja tal-baħar u tal-ħabitats tiegħu kif ukoll il-funzjonijiet essenzjali tal-oċeani tagħna. Inizjattivi riċenti ħolqu sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa u l-istat tal-ibħra u tal-oċeani tagħna. Dawn jinkludu l-adozzjoni tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14<sup>2</sup> għall-konservazzjoni u għall-użu sostenibbli tal-oċeani, tal-ibħra u tar-riżorsi tal-baħar, il-Komunikazzjoni konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani<sup>3</sup>; "Il-Konferenza dwar l-Oċeani" dwar l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14<sup>4</sup>; u s-serje ta' konferenzi L-Oċean Tagħna, bl-aktar waħda reċenti ospitata mill-Unjoni f'Ottubru 2017<sup>5</sup>.

L-Istati Membri tal-UE ilhom għal dawn l-aħħar sitt snin jiżviluppaw strateġiji marini sabiex jikkonformaw mad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina<sup>6</sup>. Id-Direttiva titlobhom jivvalutaw l-istatus tal-kwalità tal-ambjent tal-baħar, jiddeterminaw status ambjentali tajjeb, jistabbilixxu miri ambjentali xierqa u jfasslu programmi xierqa ta' monitoraġġ u jimplementaw miżuri biex jintlaħaq l-għan ewlieni tad-Direttiva li jiġi żgurat l-"istatus ambjentali tajjeb" tal-ibħra kollha tal-UE sal-2020. Il-kunċett ta' "status ambjentali tajjeb" huwa definit mid-Direttiva permezz ta' deskritturi<sup>7</sup>, bħall-konservazzjoni tal-bijodiversità jew l-indirizzar ta' pressjonijiet antropoġeniċi li jinkludu s-sajd, il-ħsara lilqiegħ il-baħar, l-iskart

<sup>1</sup> Għal lista ta' pressjonijiet antropoġeniċi, ara d-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2017/845 tas-17 ta' Mejju 2017 li temenda d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-listi indikattivi tal-elementi li għandhom jitqiesu fit-tħejjija tal-istrateġiji tal-baħar, (ĠU L 125, 18.5.2017, p. 27).

<sup>2</sup> <https://sustainabledevelopment.un.org/sdg14>.

<sup>3</sup> Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna, JOIN(2016)49 final.

<sup>4</sup> <https://oceanconference.un.org/>.

<sup>5</sup> <http://www.ourocean2017.org>.

<sup>6</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19-40.

<sup>7</sup> Il-11-il deskrittur kwalitattiv huma definiti fl-Anness I tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u speċifikati aktar fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2017/848/UE. Dawn jinkludu D1— Bijodiversità, D2 — Speċi mhux indiġeni (NIS), D3 — Ħut u frott tal-baħar bil-qoxra sfruttati kummerċjalment, D4 — Xbieki alimentari, D5 — Ewtofikkazzjoni, D6 — L-Integrità ta' qiegħ il-baħar, D7 — Tibdil idrografiku, D8 — Kontaminanti, D9 — Kontaminanti fil-frott tal-baħar għall-konsum mill-bniedem, D10 — Skart, D11 — Enerġija, inkluż l-istorbju sottomarin. Għall-fini ta' dan ir-rapport, id-deskritturi tal-Bijodiversità (D1, D4 u D6) inġabru flimkien skont il-gruppi ta' speċi u t-tipi ta' ħabitats ewlenin, kif ġej: għasafar, mammiferi u rettili, ħut u ċefalopodi, ħabitats ta' qiegħ il-baħar u ħabitats tal-kolonna tal-ilma. Dan ir-raggruppament addizzjonali jwassal għal total ta' 13-il kategorija ta' deskritturi. .

fil-baħar u l-kontaminanti. Deċiżjoni ġdida tal-Kummissjoni<sup>8</sup>, li ilha fis-seħħ minn Ġunju 2017, titlob lill-Istati Membri jirrispettaw kriterji u standards metodoloġiċi komuni meta jiddefinixxu l-kunċett ta' "status ambjentali tajjeb" f'termini kwantitattivi għall-ilmijiet marittimi taħt il-kompetenza territorjali tagħhom. Huwa importanti li jiġi nnotat li d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina teżiġi espliċitament li l-Istati Membri jaħdmu mal-ġirien tagħhom f'kull reġjun jew sottoreġjun marittimu<sup>9</sup>.

Dan ir-rapport jibni fuq il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2014 u tal-2017 dwar l-istrateġija marini tal-Istati Membri<sup>10</sup> u jivvaluta l-programmi ta' miżuri, li l-Istati Membri kollha kellhom jirrapportaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2016<sup>11</sup>. Fl-aħħar ta' din il-valutazzjoni ġiet inkluża gwida ġeneralment applikabbli fil-forma ta' sett ta' rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar il-modifiki meħtieġa biex titjeb il-koerenza u l-effikaċja tal-miżuri tagħhom. Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż huma inklużi fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport<sup>12</sup>.

Sfortunatament, sitt Stati Membri biss<sup>13</sup> irrapportaw il-programm ta' miżuri nazzjonali tagħhom fil-ħin. Għalhekk, il-Kummissjoni nediet il-proċeduri ta' ksur xierqa. Eventwalment sad-data ta' skadenza ta' Frar 2017<sup>14</sup>, total ta' 16 mit-23 Stat Membru tal-UE f'reġjun marittimu<sup>15</sup> kienu rrapportaw il-programmi nazzjonali tagħhom. Il-programmi li ġew ippreżentati mis-seba' Stati Membri l-oħra<sup>16</sup> wara dik id-data ta' skadenza ma setgħux jiġu vvalutati fil-ħin għal dan ir-rapport.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-2014 kienet ikkonkludiet li d-definizzjonijiet u l-miri marbuta mal-għan ta' "status ambjentali tajjeb"<sup>17</sup> kienu jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Għalhekk, il-valutazzjoni attwali tħares ukoll lejn il-punt sa fejn il-miżuri tal-Istati Membri jippermettu komparabbiltà aħjar tal-isforzi tagħhom fl-indirizzar tal-pressjonijiet rilevanti fuq l-ambjent tal-baħar. Għal kull deskrittur rilevanti tivvaluta wkoll il-grad ta' probabbiltà li l-Istati Membri jiksbu status ambjentali tajjeb sal-2020, kif meħtieġ mid-Direttiva<sup>18</sup>.

## **Liema miżuri ħadu l-Istati Membri s'issa biex jiksbu status ambjentali tajjeb?**

<sup>8</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/848 tas-17 ta' Mejju 2017 li tistabbilixxi kriterji u standards metodoloġiċi ta' status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar, kif ukoll speċifikazzjonijiet u metodi standardizzati għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2010/477/UE (ĠU L 125, 18.5.2017, p. 43).

<sup>9</sup> L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/56/KE jelenka r-reġjuni u s-sottoreġjuni marittimi rilevanti tal-UE. L-erba' reġjuni marittimi tal-UE huma l-Baħar Baltiku, l-Ocean Atlantiku tal-Grigal, il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed.

<sup>10</sup> COM(2014) 97 final u COM(2017)03 final.

<sup>11</sup> L-Artikolu 16 tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina jitlob li l-Kummissjoni tivvaluta l-programmi ta' miżuri.

<sup>12</sup> SWD(2018)363

<sup>13</sup> Il-Belġju, il-Ġermanja, il-Portugall, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>14</sup> Ir-rapport ta' Malta ġie ppreżentat f'April 2017, iżda ġie inkluż f'din il-valutazzjoni minħabba li kellux bżonn jiġi tradott.

<sup>15</sup> Jiġifieri minbarra s-sitt Stati Membri msemmija hawn fuq: il-Bulgarija, Ċipru, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, Malta, il-Polonja u Spanja.

<sup>16</sup> il-Kroazja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Greċja, il-Litwanja, ir-Rumanija u s-Slovenja.

<sup>17</sup> Kif meħtieġ skont l-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, kif ivvalutat f'COM(2014) 97 final.

<sup>18</sup> L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/56/KE, li jiddefinixxi s-suġġett.

Ħafna drabi fil-programmi ta' miżuri tagħhom, l-Istati Membri jippreżentaw inizjattivi eżistenti jew l-implimentazzjoni ta' politiki kurrenti bħala miżuri. Dan, pereżempju, jinkludi azzjonijiet meħuda taħt il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE jew taħt liġijiet oħra bħad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart<sup>19</sup>, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma<sup>20</sup>, id-Direttiva dwar l-Għasafar<sup>21</sup>, id-Direttiva dwar il-Ħabitats<sup>22</sup>, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi<sup>23</sup>, jew ir-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd<sup>24</sup>. Anke impenji internazzjonali eżistenti, bħal dawk taħt l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, ġew inklużi fil-programmi tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Istati Membri jagħmlu referenza frekwenti għal inizjattivi meħuda taħt il-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali<sup>25</sup>. Huwa fatt pożittiv li wieħed jara lill-Istati Membri, f'ċertu każijiet, jagħmlu referenza għal miżuri miftehma speċifikament mal-ġirien f'reġjun marittimu tal-UE, notevolment permezz tal-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali rilevanti, jew f'sottoreġjun. Madwar 25 % tal-miżuri ġew definiti bħala miżuri "għodda", li jfisser li ddaħħlu fis-seħħ speċifikament għall-finijiet tad-Direttiva. Huwa wkoll pożittiv li wieħed jara li, grazzi għad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, l-Istati Membri mxew b'mod progressiv minn approċċ frammentat għall-ħarsien tal-ambjent tal-baħar lejn approċċ aktar strateġiku, permezz tal-integrazzjoni ta' diversi linji ta' ħidma<sup>26</sup>.

### *Eċċezzjonijiet*

Id-Direttiva tippermetti wkoll li, f'ċirkostanzi definiti tajjeb, l-Istati Membri japplikaw **eċċezzjonijiet**<sup>27</sup> għall-kisba f'kull aspett, jew fi ħdan l-iskeda ta' żmien rilevanti, tal-miri ambjentali jew tal-istatus ambjentali tajjeb previsti. Tali ċirkostanzi definiti sew jinkludu l-fatt li l-kisba ta' tali miri hija relatata ma' azzjoni jew ma' nuqqas ta' azzjoni lil hinn mir-responsabbiltà tagħhom, minn avvenimenti *force majeure*, jew mill-fatt li kundizzjonijiet naturali ma jippermettux titjib f'ħin opportun fl-istatus tal-ilmijiet marini tagħhom. Tmienja<sup>28</sup> mis-16-il Stat Membru kkonċernati rrapportaw eċċezzjonijiet. Stati Membri oħra ddikjaraw li

<sup>19</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

<sup>20</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>21</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

<sup>22</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>23</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

<sup>24</sup> Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>25</sup> L-ilmijiet marini tal-UE huma koperti minn erba' Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali: (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin taż-Żona tal-Baħar Baltiku (HELCOM); (2) Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR); (3) Il-Konvenzjoni ta' Barċellona għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran; (4) Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baħar l-Iswed Kontra t-Tniġġis (Il-Konvenzjoni ta' Bukarest). L-Unjoni hija parti kontraenti għall-ewwel tlieta.

<sup>26</sup> Innota li dan ir-rapport jirreferi għal miżuri li ġew introdotti permezz ta' inizjattivi leġiżlattivi oħra, bħall-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, iżda ma jivvalutahomx. Għalhekk f'dawn il-każijiet il-konklużjonijiet huma parzjali biss.

<sup>27</sup> L-Artikolu 14 tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

<sup>28</sup> Ċipru, il-Finlandja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

ma applikawx eċċezzjonijiet minħabba li lakuni fl-għarfien u fid- ma jippermettulhomx li jikkonkludu jekk f'dan l-istadju ta' implimentazzjoni hemmx bżonn ta' eċċezzjoni jew le.

### *Tipi ta' miżuri*

Prinċipalment l-Istati Membri fasslu miżuri li, **permezz ta' intervent legali jew tekniku, jgħinu direttament biex titnaqqas il-pressjoni** (imsejħa "miżuri diretti" fil-Figura 1). Dawn jinvolvu, pereżempju, soluzzjonijiet tekniċi (eż. magni ta' bastimenti inqas storbużi) jew restrizzjonijiet għall-kamp ta' applikazzjoni spazjali ta' ċerti attivitajiet (eż. permezz ta' proċeduri ta' liċenzjar). Madankollu, xi Stati Membri rrapportaw ukoll miżuri li **ser jgħinu indirettament sabiex tiġi indirizzata l-pressjoni** inkwistjoni (imsejħa "miżuri indiretti" fil-Figura 1). Dawn jinkludu azzjonijiet ta' governanza, kampanji ta' sensibilizzazzjoni jew ta' komunikazzjoni (eż. biex jitnaqqas ir-rimi ta' skart f'postijiet pubbliċi). Fejn l-Istati Membri ma għandhomx għarfien biżżejjed dwar pressjoni partikolari (eż. speċi mhux indiġeni, storbu sottamarin), identifikaw il-ħtieġa għal aktar riċerka sabiex ikollhom l-informazzjoni meħtieġa fuq liema jibbażaw miżuri futuri u/jew idaħħlu fis-seħħ monitoraġġ ulterjuri. Kien ikun aktar xieraq kieku tali miżuri ġew irrapportati bħala parti mill-programmi ta' monitoraġġ tagħhom<sup>29</sup>.

F'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina<sup>30</sup>, fil-programmi ta' miżuri tagħhom, l-Istati Membri kollha jirrapportaw dwar l-użu ta' **miżuri ta' protezzjoni spazjali**. Dawn huma miżuri li l-intenzjoni tagħhom hija li jinħolqu netwerks koerenti u rappreżentattivi ta' żoni protetti tal-baħar, bħala żoni speċjali ta' konservazzjoni konformi mad-Direttiva dwar il-Habitats, żoni ta' protezzjoni speċjali skont id-Direttiva dwar l-Għasafar jew żoni protetti oħra miftiehma fi ftehimiet reġjonali jew internazzjonali. Ħafna drabi dawn il-miżuri spazjali li ġew irrapportati b'rabta mas-sajd, jew mal-protezzjoni ta' ċerti habitats; qed jiġu ttrattati fit-taqsimiet rilevanti hawn taħt u deskritti aktar fil-valutazzjonijiet tekniċi<sup>31</sup>. Filwaqt li żewġ Stati Membri<sup>32</sup> jelenkaw b'mod ċar żoni protetti tal-baħar, tmienja oħra<sup>33</sup> rrapportaw li kienu qed jippjanaw jew qed ifasslu żoni protetti ġodda tal-baħar bħala miżuri. Il-kopertura globali żdiedet b'mod sinifikanti<sup>34</sup> permezz tal-leġiżlazzjoni dwar l-Għasafar u dik dwar il-Habitats<sup>35</sup> u konvenzjonijiet internazzjonali.

<sup>29</sup> L-Artikolu 11 tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

<sup>30</sup> Kif meħtieġ mill-Artikolu 13(4) tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.


<sup>31</sup> Il-valutazzjonijiet tekniċi speċifiċi għal kull Stat Membru tħejju għall-Kummissjoni minn konsulent estern u jinsabu fuq [http://ec.europa.eu/environment/marine/eu-coast-and-marine-policy/implementation/reports\\_en.htm](http://ec.europa.eu/environment/marine/eu-coast-and-marine-policy/implementation/reports_en.htm)

<sup>32</sup> Il-Portugall u r-Renju Unit.

<sup>33</sup> Il-Bulgarija, Ċipru, il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza, l-Italja, Spanja u l-Iżvezja.

<sup>34</sup> Bhala medja l-kopertura żdiedet b'4.9 % bejn l-2012 u l-2016: Agnesi, S., Mo, G., Annunziatellis, A., Chaniotis, P., Korpinen, S., Snoj, L., Globevnik, L., Tunesi, L., Reker, J. 2017, Spatial Analysis of Marine Protected Area Networks in Europe's Seas II, Volum A, 2017, ed. Kunitzer, A., ETC/ICM Rapport Tekniku 4/2017, Magdeburg: *European Topic Centre on inland, coastal and marine waters*, pp 41.

<sup>35</sup> Għal aktar informazzjoni, ara *Spatial Analysis of Marine Protected Area Networks in Europe's Seas II*, Rapport Tekniku 4/2017 tal-ETC/ICM, <https://www.researchgate.net/publication/322759892>.



**Figura 1 Is-sehem ta' miżuri diretti u indiretti fil-programmi ta' miżuri madwar l-UE**

### Miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-pressjonijiet fuq l-ambjent tal-baħar

Din it-taqsimha tħares lejn miżuri stabbiliti biex jiġu indirizzati d-deskritturi tad-Direttiva li jitttrattaw speċifikament tali pressjonijiet antropoġeniċi.

#### Speċi mhux indiġeni

Speċi mhux indiġeni jistgħu jheddu l-bijodiversità tal-baħar meta jsiru "invażivi". Fl-ilmijiet tal-Unjoni, l-Istati Membri identifikaw it-tbaħħir u l-akkwakultura bħala ż-żewġ attivitajiet ewlenin li jistgħu jwasslu għall-introduzzjoni u għat-tixrid ta' speċi mhux indiġeni.

13-il Stat Membru<sup>36</sup> jużaw l-immaniġġjar tal-ilma tas-saborra<sup>37</sup> bħala mod kif jimmaniġġjaw l-ispeċi introdotti mit-tbaħħir. Miżuri addizzjonali, bħall-aderenza mal-linji gwida dwar il-Bijoinkrostażżjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali<sup>38</sup>, jistgħu, madankollu, jindirizzaw aħjar il-pressjoni peress li jillimitaw l-inkrostażżjoni fuq il-buq ta' vapur. Ħafna mill-miżuri msemmija mis-16-il Stat Membru fil-programmi ta' miżuri tagħhom huma bbażati fuq il-ħidma reġjonali u l-liġi eżistenti tal-UE, bħar-regolamenti tal-UE dwar speċi eżotiċi invażivi<sup>39</sup> u speċi aljeni fl-akkwakultura<sup>40</sup>. Xi Stati Membri<sup>41</sup> diġà introduċew miżuri

<sup>36</sup> Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>37</sup> L-immaniġġjar u l-kontroll tal-ilma u tas-sedimenti mgħobbija u mħatta mill-vapur.

<sup>38</sup> Riżoluzzjoni tal-MEPC.207(62).

<sup>39</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014; p. 35).

<sup>40</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 tal- 11 ta' Ġunju 2007 dwar l-użu ta' speċi aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura (ĠU L 168, 28.6.2007, p. 1).

mimirati għat-tnaqqis tar-riskju tal-introduzzjoni ta' speċi mhux indiġeni mill-farms tal-akkwakultura, filwaqt li ħafna oħrajn irrapportaw li għad fadlilhom jagħmlu aktar riċerka biex jifhmu aħjar il-pressjoni.

Il-miżuri li għadhom kemm ġew introdotti jvarjaw mill-immirar dirett ta' speċi mhux indiġeni mis-sajd sal-għoti ta' inċentivi għal bastimenti "ekoloġiċi" u/jew it-twetiq ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni, immirati l-aktar lejn attivitajiet rikreattivi.

Ma jistax jiġi kkonfermat jekk sal-2020 l-Istati Membri humiex ser jiksbu status ambjentali tajjeb għall-pressjonijiet minn speċi mhux indiġeni, kif meħtieġ mid-Direttiva, peress li l-Istati Membri jew ma setgħux jew ma rrapportawx dwar dan. Il-Polonja, Ċipru u Malta rrapportaw eċċezzjonijiet ġustifikati għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb, billi ddikjaraw li l-introduzzjoni ta' speċi mhux indiġeni hija dovuta għal sitwazzjonijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom (pereżempju fil-każ tal-Baħar Mediterran, tali speċi jistgħu jidhru mill-Kanal ta' Suez).

**Miżura** → *L-Iżvezja: sistema nazzjonali ta' twissija u ta' rispons għad-detezzjoni bikrija, pjanijiet ta' mmaniġġjar u ta' emerġenza*

L-Iżvezja waqqfet sistema nazzjonali ta' twissija u ta' rispons fl-ibħra tagħha li tgħarraf minnufih lill-awtoritajiet meta jintlembu speċi mhux indiġeni ġodda. Din tiskatta miżuri ta' reazzjoni rapida għall-qerda, għall-kontroll tagħhom jew għal kwalunkwe azzjoni oħra li titqies xierqa, marbuta mal-pjanijiet ta' kontinġenza. Is-sistema ser tkun marbuta mal-programm ta' monitoraġġ tal-Iżvezja.

#### *L-isfruttament kummerċjali tal-ħut u tal-frott tal-baħar bil-qoxra*

Is-sajd eċċessiv jista' jkollu konsegwenzi serji li jwasslu għat-tnaqqis progressiv u l-kollass eventwali tal-istokkijiet ta' ħut. Is-16-il Stat Membru li l-programmi tagħhom ġew ivvalutati f'dan ir-rapport introduċew miżuri biex tiġi minimizzata l-pressjoni mis-sajd kummerċjali. Erbatax-il Stat Membru<sup>42</sup> inkludew ukoll miżuri speċifiċi għat-tnaqqis tal-impatti mis-sajd rikreattiv.

Il-pressjoni tas-sajd taffettwa r-reġjuni kollha tal-baħar tal-UE, għalkemm hija partikolarment akuta fil-Baħar Mediterran. Fil-programmi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jirreferu b'mod konsistenti għall-miżuri li jkunu ħadu biex jikkonformaw mal-politika komuni tas-sajd, li titlob li sal-2020 jintlaħaq rendiment massimu sostenibbli għall-istokkijiet tas-sajd, li jgħin biex jintlaħaq l-għan ta' status ambjentali tajjeb stabbilit mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina. Tali miżuri nazzjonali jinkludu t-tnaqqis tad-daqs tal-flotta tas-sajd, it-tnaqqis tal-qabdiet totali, il-projbizzjoni tas-sajd jew ta' ċerti tipi ta' Prattiki tas-sajd (eż. tkarkir) f'ċerti żoni.

<sup>41</sup> Il-Bulgarija, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, Malta, in-Netherlands, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit (għall-Atlantiku tal-Grigal).

<sup>42</sup> Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, Malta, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

Ħafna mill-Istati Membri<sup>43</sup> introduċew ukoll miżuri ġodda biex titnaqqas il-pressjoni fuq stokkijiet sfruttati żżejjed, pereżempju billi jeħtieġu l-użu ta' rkaptu speċifiku<sup>44</sup>, jew billi introduċew restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet temporali/spazjali mmirati<sup>45</sup>. Ħafna mill-Istati Membri<sup>46</sup> waqqfu miżuri ta' protezzjoni spazjali, jew fi ħdan in-netwerk Natura 2000 jew billi saħħew il-pjanijiet ta' ġestjoni għaż-żoni protetti eżistenti tal-baħar. Diversi Stati Membri introduċew ukoll miżuri biex tinħoloq sensibilizzazzjoni dwar Prattiki tas-sajd distruttivi. Ħafna minnhom jorbtu espliċitament il-miżuri meħuda ma' ftehimiet li saru fuq livell reġjonali u internazzjonali, bħal fil-kuntest tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Baħar Mediterran<sup>47</sup> jew il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku. Il-programmi jsemmu wkoll azzjonijiet meħuda permezz tal-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali, notevolment il-HELCOM u l-Konvenzjoni ta' Barċellona.

Għalkemm id-Direttiva titlob li sal-2020 l-Istati Membri jkunu kisbu status ambjentali tajjeb għall-pressjoni mis-sajd, għandu jkun hemm ukoll sinerġija tajba mal-ħtiġijiet tal-politika komuni tas-sajd fil-programmi nazzjonali tagħhom, u ħafna Stati Membri għadhom ma ddeterminawx meta ser tintlaħaq din il-mira. Tliet Stati Membri rrapportaw eċċezzjonijiet, b'dikjarazzjonijiet ġustifikabbli għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb wara l-2020: Il-Finlandja u r-Renju Unit ddikjaraw li minħabba kundizzjonijiet naturali mhumieħ ser jiksbu status ambjentali tajjeb għall-isfruttament kummerċjali tal-ħut u tal-frott tal-baħar bil-qoxra, filwaqt li Malta semmiet il-ħtieġa għal sforzi transfruntiera u reġjonali biex jintlaħaq l-oġettiv.

**Miżura** → *Il-Belġju: kontroll u monitoraġġ aħjar tas-sajd rikreattiv*

Reċentement il-Belġju introduċa miżura legali li tiffaċilita l-monitoraġġ tas-sajd rikreattiv, attività li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq l-ambjent tal-baħar iżda li ħafna drabi mhijiex regolata mill-Istati Membri. Din il-miżura nazzjonali, li tmur lil hinn mir-reqwiżiti tal-politika komuni tas-sajd, għandha ttejjeb il-ġbir ta' data, li huwa kruċjali mhux biss għall-fehim tal-istat tal-istokkijiet tal-ħut iżda wkoll sabieħ, jekk meħtieġ u b'mod aktar immirat, ċerti attivitajiet ta' sajd jiġu regolati.

*L-influss ta' nutrijenti*

L-influss eċċessiv ta' nutrijenti u ta' sustanzi organiċi fil-baħar jippromwovi l-proliferazzjoni tal-algi, li jwassal għall-ewtrofikazzjoni. Din il-pressjoni tista' toħnoq il-ħajja tal-baħar, speċjalment madwar żoni kostali u f'ilmijiet aktar fondi. Filwaqt li jaffettwa l-ilmijiet marini kollha fl-UE sa ċertu punt, l-impatti tiegħu huma l-aktar evidenti fil-Baħar Baltiku. L-arrikkiment tan-nutrijenti ġie prinċipalment attribwit għall-agrikoltura, għall-industrija, għall-iskariku urban, għall-akkwakultura u, sa ċertu punt, għat-tbaħħir. Il-problema hija aggravata mill-akkumulazzjoni ta' dawn in-nutrijenti f'qiegħ il-baħar.

<sup>43</sup> Il-Ġermanja, il-Latvja u l-Polonja ma introduċewx miżuri speċifiċi, iżda jirreferu għall-implimentazzjoni ġenerali tal-politika komuni tas-sajd, li potenzjalment tista' tindirizza l-pressjoni.

<sup>44</sup> Il-Bulgarija, Ċipru, l-Irlanda, Malta, in-Netherlands u Spanja.

<sup>45</sup> Il-Bulgarija, Franza, l-Irlanda u l-Portugall; il-Belġju introduċa kwoti.

<sup>46</sup> Il-Bulgarija, Ċipru, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>47</sup> Il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran, GFCM.



Fil-programmi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri kollha<sup>48</sup> rreferew għall-miżuri meħuda fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar tagħhom sabiex ikunu konformi mal-għan ta' "status ekoloġiku tajjeb" stabbilit mid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma<sup>49</sup> u sabiex jikkonformaw mal-parametri stabbiliti minn leġislazzjoni oħra relatata mal-ilma<sup>50</sup>. Xi Stati Membri inkludew ukoll miżuri aktar speċifiċi fl-istrateġiji marini tagħhom, bħall-promozzjoni ta' prattiki sostenibbli ta' akkwakultura<sup>51</sup> u agrikoli<sup>52</sup>, it-twaqqif ta' żoni ta' kontroll ta' emissjonijiet ta' Ossidi tan-Nitroġenu (NOx) għat-tbaħħir<sup>53</sup>, il-bini ta' infrastrutturi portwali xierqa għall-gass naturali likwifikat<sup>54</sup> u l-kontroll tar-rimi ta' drenaġġ mhux trattat mill-bastimenti<sup>55</sup>.

Il-prospetti għall-Istati Membri biex jiksbu status ambjentali tajjeb għall-immaniġġjar ta' influssi ta' nutrijenti sal-2020 huma koerenti fir-reġjuni marittimi individwali. Pereżempju, ħafna mill-Istati Membri fil-Baħar Baltiku ma jistennewx li jilħqu din il-mira sal-2020, filwaqt li fil-Baħar Mediterran ħafna mill-Istati Membri indikaw li din il-mira diġà ntlaħqet.

Mhux inqas minn ħames Stati Membri<sup>56</sup> invokaw eċċezzjonijiet għall-pressjoni mill-influss ta' nutrijenti. Madankollu, issem mew raġunijiet differenti, li juru approċċ reġjonali inqas konsistenti minkejja n-natura transfruntiera tal-pressjoni. Fil-Baħar Baltiku, il-Finlandja, il-Latvja u l-Polonja rreferew għal sitwazzjonijiet ġustifikati lil hinn mill-kontroll tagħhom, bil-Polonja tinvoka kundizzjonijiet naturali bħala ġustifikazzjoni addizzjonali, l-istess bħalma għamlet l-Iżvezja. Għall-Atlantiku tal-Grigal, l-Iżvezja u n-Netherlands jużaw argumenti simili għal dawk invokati biex jiġu ġustifikati eċċezzjonijiet fil-Baħar Baltiku.

**Miżura** → *Il-Finlandja: it-tnaqqis tal-influss ta' nutrijenti fl-ambjent*

Permezz tat-tixrid ta' ġibs fl-għelieqi, l-għan ta' din il-miżura diretta huwa li titnaqqas il-konċentrazzjoni ta' fosfru fil-ħamrija — nutrijent li jintuża fl-agrikoltura li jista' jwassal għall-ewtrofikazzjoni. L-użu tal-ġibs inaqqas il-lissija tal-fosfru fis-sistemi tal-ilma ħelu u b'hekk fl-ambjent tal-baħar. Il-vantaġġ tiegħu huwa li jtejjeb il-karatteristiċi tal-ħamrija u bħala riżultat inaqqas l-erożjoni.

*Tibdil idrografiku*

<sup>48</sup> Filwaqt li l-Belġju, il-Finlandja, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, Malta, il-Polonja, il-Portugall u l-Iżvezja ma jsemmux b'mod speċifiku l-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar, jirreferu għall-miżuri tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

<sup>49</sup> Skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>50</sup> Id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (91/271/KEE), id-Direttiva dwar in-Nitrati (91/676/KE), id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (2010/75/UE), id-Direttiva dwar l-Għargħar (2007/60/KE).

<sup>51</sup> Il-Bulgarija, Ċipru, il-Finlandja, l-Irlanda, l-Italja, Malta, Spanja u l-Iżvezja.

<sup>52</sup> Il-Bulgarija, Ċipru, il-Ġermanja, il-Finlandja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, in-Netherlands, il-Polonja, Malta, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit u parzjalment il-Portugall.

<sup>53</sup> Il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza, in-Netherlands, il-Polonja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>54</sup> Il-Finlandja u l-Polonja.

<sup>55</sup> Ċipru, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Latvja, Malta, in-Netherlands u l-Polonja.

<sup>56</sup> Il-Finlandja, il-Latvja, il-Polonja, in-Netherlands u l-Iżvezja.

Attivitajiet tal-bniedem bħall-iżvilupp infrastrutturali tal-kosta, it-tħammil, l-estrazzjoni tar-ramel u d-desalinizzazzjoni jista' jkollhom impatt fuq il-karatteristiċi fiżiċi tal-ilmijiet marini. L-impatti jistgħu jidhru fit-tibdil fil-kurrenti tal-baħar jew fl-azzjoni tal-mewġ, fis-sistemi tal-marea, fit-temperatura, fil-livelli tal-pH, fis-salinità jew fit-turbidità u kollha jistgħu jaffettwaw ħażin l-ispeċi u l-habitats tal-baħar. Ħafna mill-miżuri rrapportati mill-Istati Membri huma relatati ma' oqfsa regolatorji eżistenti, bħad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali<sup>57</sup> u d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika<sup>58</sup> u proċeduri ta' liċenzjar li normalment għandhom ikopru l-pressjonijiet u l-impatti kollha possibbli. Madankollu, mhux dejjem ċar kif l-Istati Membri biħsiebhom japplikaw il-miżuri meħuda taħt dawn id-Direttivi fil-kuntest tal-baħar. Xi Stati Membri<sup>59</sup> rrapportaw ukoll li bħala parti mill-miżuri tagħhom qegħdin fil-proċess li jiżviluppaw gwida għal proġetti infrastrutturali rilevanti. Madankollu, żewġ Stati Membri biss<sup>60</sup> jindirizzaw b'mod ċar l-impatti kumulattivi ta' tali infrastrutturi.

Fil-każ ta' pressjonijiet antropoġeniċi li jwasslu għal tibdil idrografiku, l-Istati Membri ma invokaw ebda eċċezzjoni mill-Artikolu 14 għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb. Mis-16-il Stat Membru li l-programmi nazzjonali qed jiġu vvalutati f'dan ir-rapport, erba' Stati Membri<sup>61</sup> ddikjaraw li diġà kisbu status ambjentali tajjeb, filwaqt li żewġ Stati Membri<sup>62</sup> jsostnu li dan ser jintlaħaq sal-2020. Stati Membri oħra jew ma speċifikawx meta ser jinkiseb status ambjentali tajjeb jew ma jistgħux jagħtu stima ta' dan.

#### **Miżura** → *Franza: valutazzjoni tal-impatti kumulattivi*

Attwalment Franza qiegħda tiżviluppa dokument ta' gwida li jgħin lill-awtoritajiet u lill-partijiet interessati rilevanti jivvalutaw l-impatti kumulattivi tal-attivitajiet tal-bniedem, speċjalment għal dawk il-proġetti li jkunu jeħtieġu valutazzjoni tal-impatt ambjentali jew valutazzjoni ambjentali strateġika. Dan ser ikun partikolarment rilevanti għal pressjonijiet idroloġiċi li s'issa l-impatti kumulattivi tagħhom rarament kienu indirizzati.

#### *Kontaminanti fil-baħar u fil-frott tal-baħar*

Ħafna mill-kontaminanti, l-aktar minn pestiċidi agrikoli, minn sistemi tal-vapuri kontra l-inkrostazzjoni<sup>63</sup>, minn farmaċewtiċi, mill-industrija u minn effluwenti urbani, inklużi metalli tqal, jispiċċaw fil-baħar. Dan l-iskariku jbidel l-ibħra u l-oċeani f'ambjent li jista' jagħmel ħsara lill-ħajja tal-baħar, u fl-aħħar mill-aħħar jikkontamina l-frott tal-baħar għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk kemm għal raġunijiet ambjentali kif ukoll dawk marbuta mas-saħħa

<sup>57</sup> Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

<sup>58</sup> Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

<sup>59</sup> L-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>60</sup> Franza u l-Ġermanja.

<sup>61</sup> Il-Finlandja, in-Netherlands, Spanja u l-Iżvezja. L-Italja tqis li fil-Baħar Adrijatiku nkiseb status ambjentali tajjeb iżda ma tispeċifikax fil-każ ta' reġjuni oħra.

<sup>62</sup> Franza u r-Renju Unit.

<sup>63</sup> Iż-żebgħa li tiġi applikata mal-buq ta' bastimenti li tnaqqas it-tkabbir ta' organiżmi akkwatiċi jew li tgħin biex jinqalgħu.

tal-bniedem huwa importanti li jiġi żgurat li l-livelli ta' kontaminanti fl-ambjent marittimu jibqgħu baxxi u f'limiti li ma jagħmlux ħsara.

Mis-sorsi kollha ta' kontaminanti, id-depożizzjoni atmosferika fl-ambjent tal-baħar hija s-sors l-inqas indirizzat fil-programmi nazzjonali rrapportati mill-Istati Membri.

Barra minn hekk il-programmi tagħhom f'it li xejn fihom miżuri li jimmiraw direttament il-kontaminanti fil-frott tal-baħar maħsuba għall-konsum mill-bniedem minħabba l-argumenti li l-miżuri meħuda għall-kontaminanti inġenerali x'aktarx inaqqsu wkoll kwalunkwe impatt negattiv fuq il-frott tal-baħar. Fost il-miżuri rrapportati f'dan il-kuntest, l-Istati Membri jirreferu għal dawk meħtieġa biex tiġi żgurata konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza alimentari<sup>64</sup> u ma' standards regolatorji oħra applikabbli għall-prodotti tas-sajd u tal-akwakultura, b'mod partikolari dwar it-traċċabbiltà, ir-reqwiziti dwar il-kwalità tas-saħħa, il-kundizzjonijiet tat-trobbija u tal-biedja, valutazzjonijiet tar-riskju u miżuri ta' ġestjoni.

Fil-każ ta' azzjonijiet immirati b'mod aktar ġenerali lejn it-tnaqqis tal-preżenza ta' kontaminanti fil-baħar, għadd ta' Stati Membri rrapportaw diversi miżuri bħala riżultat tar-reqwiziti tal-UE, bħal dawk meħtieġa għall-konformità mad-Direttivi dwar in-nitrati<sup>65</sup>, dwar l-ilma urban mormi<sup>66</sup>, dwar l-emissjonijiet fl-arja<sup>67</sup>, it-tniġġis mill-bastimenti<sup>68, 69</sup> u r-regolament REACH<sup>70, 71</sup>. Jisemmew ukoll impenji internazzjonali jew taħt MARPOL<sup>72</sup> jew taħt il-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali, għalkemm ħafna drabi l-programmi nazzjonali mhumiex ċari dwar liema azzjonijiet konkreti huma speċifikament ipplanati għal dawn l-impenji internazzjonali. Minbarra dawn ir-reqwiziti tal-UE jew internazzjonali eżistenti, 10 Stati Membri<sup>73</sup> introduċew xi miżuri diretti, bħar-regolamentazzjoni ulterjuri tal-iskariku ta' kontaminanti, it-tnaqqis tal-użu ta' pestiċidi, it-titjib tal-prattiki ta' akkwakultura u ta' tħammil, u xi miżuri indiretti, bħal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' riċerka.

---

<sup>64</sup> B'referenza partikolari għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

<sup>65</sup> Il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Italja u Spanja.

<sup>66</sup> Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>67</sup> Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

<sup>68</sup> Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal ksar (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52).

<sup>69</sup> Il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>70</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar id-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni.

<sup>71</sup> Ċipru, il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>72</sup> Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (MARPOL).

<sup>73</sup> Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja.

Intalbu eċċezzjonijiet għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb għall-kontaminanti mill-Polonja u mill-Iżvezja fil-Baltiku u min-Netherlands, mir-Renju Unit u mill-Iżvezja fir-reġjun tal-Oċean Atlantiku tal-Grigal. Il-ġustifikazzjonijiet invokati biex jibbenefikaw minn dawn l-eċċezzjonijiet mhux dejjem jidhru teknikament konvinċenti, pereżempju fil-każ ta' dikjarazzjoni ta' kostijiet sproporzjonati mingħajr ġustifikazzjoni suffiċjenti, inkluża analiżi tal-kost-benefiċċju u analiżi tal-vantaġġi u tal-iżvantaġġi ta' azzjonijiet ta' rimedju alternattivi. B'żieda ma' dan, l-iskeda ta' żmien għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb tvarja bejn ir-reġjuni, li hija inkwetanti għal tali pressjoni referenzjata tajjeb —soġġetta għal lista twila ta' liġijiet u inizjattivi ta' politika kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak internazzjonali.

Żewġ Stati Membri<sup>74</sup> ġġustifikaw l-eċċezzjonijiet tagħhom għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb għall-kontaminanti fil-frott tal-baħar abbażi tal-fatt li s-sorsi niġġiesa rilevanti jinstabu wkoll barra mill-ilmijiet marini tagħhom. Fost ħafna<sup>75</sup> mill-Istati Membri tal-Atlantiku tal-Grigal jidher li hemm qbil li sal-2020 ser jinkiseb status ambjentali tajjeb, filwaqt li fit-tliet ibħra reġjonali oħra dan jew ma jistax jiġi stmat jew huwa mistenni li jseħħ biss wara l-2020.

**Miżura** → *Il-Polonja: l-immirar ta' sorsi differenti ta' kontaminanti*

Il-Polonja adottat taħlita ta' miżuri biex timmira kontaminanti differenti li jirnexxilhom jidhru fl-ibħra marini tagħha. Il-programm tagħha jinkludi miżuri li jirregolaw il-kontaminanti bħall-materjali mħammlin, il-paraffina u d-derivattivi tagħhom. Qed taħdem ukoll fuq ir-rikostruzzjoni tas-sistemi tal-ilma tal-maltemp u tad-drenaġġ tagħha, filwaqt li tintroduċi miżuri għat-tnaqqis tal-kontaminanti mill-ilma skarikat mis-sistemi tat-trattament tal-egżost. Irrapportat ukoll azzjonijiet ġodda għat-tnaqqis tar-riskji mit-tniġġis taż-żejt u minn sustanzi oħra ta' ħsara. Miżuri oħra jinkludu pjanijiet għall-immodernizzar tal-flotta tal-passaġġi fuq l-ilma interni tagħha, li jippermettu l-possibbiltà tal-iskariku tal-ilma mormi industrijali u t-titjib tal-immaniġġjar tal-ilma ta' seba' baċini ta' xmajjar.

Skart fil-baħar

L-iskart huwa pressjoni fuq l-ambjent tal-baħar li eventwalment isib triqta lejn qiegħ il-baħar u fuq il-bajjiet. L-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina wasslet għal fehim aħjar tal-iskart makro u dak mikro, b'mod partikolari mill-plastik. Is-sorsi ta' skart fil-baħar ġew l-aktar attribwiti għall-attivitajiet tal-bniedem li ġejjin: aktivitajiet rikreattivi u dawk marbuta mat-turiżmu, l-iskart urban, aktivitajiet industrijali, it-tbaħħir u s-sajd kummerċjali. Biex jiġġieldu kontra l-iskart fil-baħar, l-Istati Membri jibbażaw ruħhom fuq għadd ta' liġijiet eżistenti tal-UE, l-aktar dwar l-immaniġġjar tal-iskart, dwar l-ilma urban mormi jew dwar il-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet<sup>76</sup>, kif ukoll fuq ftehimiet internazzjonali u l-pjanijiet ta' azzjoni tal-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali<sup>77</sup>. Abbażi tal-programmi nazzjonali tagħhom, jidher li s-16-il Stat Membru qed jieħdu, jew qed jipplanaw li

<sup>74</sup> Il-Finlandja u Malta.

<sup>75</sup> Il-Belġju, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands u r-Renju Unit.

<sup>76</sup> Id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija, ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81-90.

<sup>77</sup> Jeżistu pjanijiet ta' azzjoni reġjonali għar-reġjun tal-Atlantiku tal-Grigal, tal-Baltiku u tal-Mediterran, filwaqt li l-pjan ta' azzjoni għall-Baħar l-Iswed qiegħed jiġi żviluppat.

jieħdu, miżuri għat-titjib tal-immaniġġjar tal-iskart fis-settur tas-sajd. Il-miżuri l-aktar komuni notifikati huma t-tindif tal-bajjiet, is-"sajd għall-iskart" u inizjattivi ta' komunikazzjoni. Filwaqt li l-impatt tagħhom fuq it-tnaqqis tal-pressjoni huwa wieħed modest, jgħinu biex tinħoloq sensibilizzazzjoni u b'hekk biex jiġi evitat tniġġis futur. Madankollu, miżuri mmirati lejn l-iskart fuq il-bajjiet, bħal-limitazzjoni tal-proliferazzjoni tal-plastik li jintuża darba biss jew it-tnaqqis tal-mikroplastik u tal-iskart mill-akkwakultura, jidhru li mhumiex żviluppati sew. Pereżempju, ħames Stati Membri biss<sup>78</sup> indirizzaw l-akkwakultura b'mod speċifiku.

**Miżura** → *Franza: it-tnaqqis tal-iskart fil-baħar u tal-pixxikultura tal-frott tal-baħar bil-qoxra*

Franza għandha żewġ miżuri notevoli għall-iskart fil-baħar. L-ewwel waħda hija parti mill-programm nazzjonali għall-prevenzjoni tal-iskart u tikkonsisti f'erba' azzjonijiet: (1) l-estensjoni tar-responsabbiltà tal-produtturi; (2) il-limitazzjoni ta' ċerti prodotti, bħal basktijiet tal-plastik li jintużaw darba biss;<sup>79</sup> (3) il-promozzjoni ta' azzjonijiet volontarji għat-tnaqqis u għar-riċiklar tal-iskart fil-baħar; u (4) l-allinjament ta' pjanijiet reġjonali dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart mal-ġhodod ta' politika dwar l-ilma u l-ilma baħar, u mal-pjanijiet dwar it-trattament u ta' akkoljenza tal-iskart fil-portijiet. It-tieni miżura tindirizza l-akkwakultura tal-frott tal-baħar bil-qoxra, attività li tista' tkun sors sinifikanti ta' skart, iżda waħda rarament indirizzata fil-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri l-oħra. Franza qed tippjana li tillimita d-degradazzjoni tal-ħabitats milquta billi tillimita l-aċċess għall-plottijiet rilevanti ta' kulturi tal-baħar f'żoni tal-marea, u billi tiġbor u tirriċikla l-iskart iġġenerat minnhom.

Il-programmi ta' miżuri għall-iskart fil-baħar għandhom jitqiesu fil-kuntest usa' ta' żviluppi fil-livell tal-UE, li wasslu għall-adozzjoni tal-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari<sup>80</sup>, l-Istrateġija Ewropea għall-Plastik<sup>81</sup> u proposta leġiżlattiva dwar l-iskart fil-baħar u dwar il-plastik li jintuża darba biss<sup>82</sup>.

Mis-16-il Stat Membru, sitta biss<sup>83</sup> jistennew li jiksbu status ambjentali tajjeb għall-iskart sal-2020. Malta hija l-uniku Stat Membru li applica għal eċċezzjoni abbażi tal-fatt li azzjonijiet minn pajjiżi ġirien allegatament ser ifixklu l-isforzi tagħha; madankollu, din il-ġustifikazzjoni proposta ma tidhirx li hija kompletament sostanzjata u ma ġietx irrapportata skeda alternattiva.

<sup>78</sup> Franza (fl-Atlantiku tal-Grigal), l-Irlanda, l-Italja, Spanja u l-Iżvezja.

<sup>79</sup> Sadanittant, Franza adottat ukoll miżura li ma ġietx irrapportata sabiex mill-2020 jiġi pprojbit l-użu ta' plastik mhux bijodegradabbli li jintuża darba biss u miżura oħra li tipprojbixxi l-użu ta' *cotton buds* tal-plastik mhux bijodegradabbli u ta' *microbeads* f'ċerti prodotti kożmetiċi.

<sup>80</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *L-ġheluq taċ-ċirku — Pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari*, COM(2015) 614 final.

<sup>81</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari*, COM(2018) 28 final.

<sup>82</sup> Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, COM(2018) 340 final.

<sup>83</sup> Il-Belġju, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands u r-Renju Unit.

### L-enerġija, inkluż l-istorbju sottomarin

L-użu tal-enerġija, pereżempju fil-forma ta' sistemi ta' tiżhin u tal-elettriku, storbju, radjazzjonijiet elettromanjetiċi, mewġ jew vibrazzjonijiet tar-radju, jista' jkun ukoll pressjoni fuq l-ambjent tal-baħar. S'issa, ħafna mill-Istati Membri ffokaw l-isforzi tagħhom fuq l-istorbju sottomarin, li l-effetti tiegħu huma kumplessi u għadhom mhumiex mifhuma għal kollox. L-istorbju jista', pereżempju, igerrex lill-ispeċi tal-baħar mill-post tat-trobbija, iħalli impatt fuq is-smiġħ tagħhom u għalhekk jagħmilhom aktar vulnerabbli. L-effett jiddependi wkoll fuq it-tip ta' storbju, jekk huwiex kontinwu jew impulsiv, u l-frekwenza. L-istorbju jista' jiġi mit-tbaħħir, mir-riċerka marittima, minn pjattaformi tal-enerġija lil hinn mill-kosta, minn operazzjonijiet ta' kostruzzjoni u minn attivitajiet ta' difiża. Għal darb'oħra l-Istati Membri bbażaw ruħhom fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE bħad-Direttiva dwar il-Ħabitats u d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali. Mill-ġdid, il-programmi ta' miżuri tagħhom jinkludu ftehimiet u inizjattivi internazzjonali li ttieħdu permezz tal-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali. Il-miżuri jinkludu l-protezzjoni ta' żoni speċifiċi kemm minn ħoss impulsiv u dak kontinwu; l-iżvilupp ta' vapuri "ekoloġiċi"; il-limitazzjoni tal-użu ta' ċerti tipi ta' dwal fuq pjattaformi taż-żejt u tal-gass; u l-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni, it-twettag ta' riċerka u l-iżvilupp ta' linji gwida għall-valutazzjonijiet tal-istorbju. Filwaqt li ħafna mill-pressjonijiet ġew indirizzati, ħafna drabi dawn huma koperti indirettament permezz ta' riċerka li l-Istati Membri rrapportaw flimkien mal-miżuri tagħhom.

Sitt Stati Membri<sup>84</sup>, l-aktar mir-reġjun tal-Oċean Atlantiku tal-Grigal, jistennew li jiksbu status ambjentali tajjeb sal-2020. Madankollu, minħabba l-lakuni attwali fl-għarfien, uħud minnhom<sup>85</sup> ma jistgħux jagħtu stima meta dan ser jintlaħaq jew ma speċifikawx data meta ser jintlaħaq<sup>86</sup>. L-ebda Stat Membru ma applika għal eċċezzjoni.

#### **Miżura** → *Ċipru: l-istorbju mill-esplorazzjoni tal-idrokarburi*

Ċipru rrapporta miżura li tindirizza l-istorbju sottomarin impulsiv, billi jeżiġi kundizzjonijiet ta' "irrankar bil-mod/irrankar kajman" fl-esplorazzjoni u fl-esplojtazzjoni tal-idrokarburi. Dan jinkludi stħarriġ sismiku fuq il-baħar, kif definit fid-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika u dik dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u fil-Protokoll dwar l-Offshore tal-Konvenzjoni ta' Barċellona.

#### **Miżuri meħuda biex jiġi indirizzat l-istat tal-bijodiversità tal-baħar**

It-tnaqqis tal-impatti negattivi ta' pressjonijiet fuq l-ambjent tal-baħar għandu jtejjeb il-kundizzjonijiet għall-ispeċi u għall-ħabitats tal-baħar. Għalhekk, il-miżuri deskritti fit-taqsimiet preċedenti għandhom jgħinu sabiex jinżamm jew jitjieb l-istat tal-bijodiversità tal-baħar. Madankollu, il-maġġoranza tal-Istati Membri ma jagħmlux biżżejjed rabtiet bejniethom it-tnejn, u dan jillimita l-effikaċja tal-programmi. Madankollu, l-Istati Membri identifikaw miżuri li jittrattaw diversi ħabitats tal-baħar, bħal miżuri ta' protezzjoni spazjali, għalkemm

<sup>84</sup> Il-Belġju, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands u r-Renju Unit.

<sup>85</sup> Il-Ġermanja, Malta u l-Iżvezja.

<sup>86</sup> Ċipru, l-Italja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja. Il-Bulgarija u l-Latvja ma ddeterminawx l-istatus ambjentali tajjeb tagħhom.

dawn huma limitati fil-kamp ta' applikazzjoni spazjali u jistgħu ma jkunux qed jilhqnu żoni fejn il-pressjonijiet huma l-aktar predominanti (eż. tkarkir f'qiegħ il-baħar barra minn żoni protetti).

### Għasafar

Il-qbid aċċessorju inċidentali minn attivitajiet ta' sajd kummerċjali kien il-pressjoni ewlenija li l-Istati Membri rrapportaw li kienet qed taffettwa l-għasafar. Pressjonijiet oħra li rrapportaw kienu jinkludu r-rimi ta' skart fil-baħar, speċi mhux indiġeni, tniġġis taż-żejt u disturbu mid-dawl viżwali. Minkejja l-prevalenza tat-telf ta' ħabitats minħabba l-attività tal-bniedem, il-kontaminanti fil-baħar u l-kaċċa, l-Istati Membri ċċitawhom inqas ta' spiss bħala pressjonijiet. Mhuwiewx sorprendenti li ħafna mill-miżuri huma relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għasafar u mad-Direttiva dwar il-Ħabitats, u għalhekk mal-ħolqien ta' żoni ta' protezzjoni speċjali u ta' żoni ta' konservazzjoni speċjali<sup>87</sup> sabiex jiġu mħarsa l-ħabitats tal-għasafar, il-postijiet fejn jgħammru, ibejtu u jieklu. L-Istati Membri rrapportaw ukoll li qegħdin japplikaw ir-regoli tal-politika komuni tas-sajd biex jindirizzaw il-qbid aċċessorju, li jfisser li jiġi ristrett l-użu ta' ċertu rkaptu, pereżempju, biex jonqos iċ-ċans li jinqabdu l-għasafar jew il-promozzjoni ta' rkaptu u ta' tekniki sostenibbli ta' sajd. L-Istati Membri jirreferu biss okkażjonalment għad-Direttiva dwar l-Ippjanar Spazjali Marittimu<sup>88</sup>, li tista' tgħin biex jiġu identifikati żoni għas-sajd filwaqt li jitnaqqsu l-impatti fuq l-għasafar.

L-Istati Membri kollha fl-Atlantiku tal-Grigal jorbtu wkoll il-miżuri tagħhom mar-rakkomandazzjonijiet tal-OSPAR dwar il-konservazzjoni, filwaqt li wħud<sup>89</sup> mill-Istati Membri tal-Baħar Baltiku jirreferu għall-"Pjan ta' Azzjoni tal-Baħar Baltiku" tal-HELCOM. Fil-Mediterran, ħafna mill-Istati Membri normalment jirreferu għall-pjanijiet ta' azzjoni tal-Konvenzjoni ta' Barċellona għall-ispeċi ta' għasafar u għaż-żoni protetti tal-baħar.

Għaxar Stati Membri<sup>90</sup> ma rrapportawx meta ser jiksbu status ambjentali tajjeb, jew minħabba r-raġuni ta' lakuni fl-għarfien jew ma pprovdewx ġustifikazzjoni ulterjuri. Ma ġiet irrapportata l-ebda eċċezzjoni.

#### **Miżura** → *Malta: il-ħarsien tal-għasafar mill-predaturi*

Malta qed tapplika miżura<sup>91</sup> għall-ħarsien tal-Garnija (*Puffinus yelkouan*) minn firien predaturi. Skart tal-ikel minn attivitajiet rikreattivi tal-bniedem f'żona ta' protezzjoni speċjali wasslet għall-preżenza akbar ta' firien, li jikkawżaw pressjonijiet sinifikanti ta' predazzjoni fuq l-għasafar. L-għan tal-proġett huwa li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tan-nies dwar il-problema u b'hekk tinbidel l-imġiba tagħhom f'siti protetti biex jonqos ir-rimi tal-iskart u l-preżenza tal-pesti li għandu jwassal għal ħarsien aktar effettiv ta' din l-ispeċi ta' għasfur u tal-ħabitats tiegħu. Il-miżura tmur lil hinn minn dak li huwa diġà indirizzat taħt id-Direttiva dwar l-Għasafar.

<sup>87</sup> Kif stabbilit taħt id-Direttiva dwar l-Għasafar u n-Netwerk Natura 2000 rispettivament.

<sup>88</sup> Id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu, (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 135).

<sup>89</sup> Il-Latvja, il-Polonja u l-Iżvezja.

<sup>90</sup> Il-Bulgarija, Ċipru, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Italja, il-Portugall, il-Latvja, Malta, Spanja u l-Iżvezja.

<sup>91</sup> Iffinanzjata mill-programm LIFE.

## Ħut u ċefalopodi

Minbarra l-pressjoni ovvja mis-sajd għall-ispeċi kummerċjali, il-qbid aċċessorju huwa wieħed mill-iktar pressjonijiet importanti, segwit mill-kontaminanti. Fil-programmi tagħhom l-Istati Membri jsemmgħu t-telf u l-ħsara lill-ħabitats, ir-rimi tal-iskart fil-baħar u l-istorbju sottomarin inqas ta' spiss bħala pressjonijiet. L-ispeċi kummerċjali huma ġeneralment indirizzati tajjeb permezz tal-miżuri mmirati lejn il-ħut u l-frott tal-baħar bil-qoxra kummerċjali, kif diskuss hawn fuq. Dawn il-miżuri jinkludu l-projbizzjoni ta' sajd f'ċerti żoni u/jew il-projbizzjoni ta' Prattiki ta' sajd bħat-tkarkir. Madankollu, l-ispeċi mhux kummerċjali mhumiex dejjem koperti. Tlettax-il Stat Membru<sup>92</sup> jirrestrinġu wkoll l-użu ta' ċerti tekniki tas-sajd, u b'hekk jimmiraw ukoll il-qbid aċċessorju. Ħafna mill-Istati Membri rrapportaw li jużaw miżuri ta' protezzjoni spazjali bbażati fuq in-netwerk Natura 2000 tad-Direttiva dwar il-ħabitats għall-ħarsien ta' ċerti speċi ta' ħut u sa ċertu punt, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma għall-ħarsien ta' mogħdijiet migratorji għall-ħut. Miżuri spazjali intużaw ukoll għall-ħarsien ta' ċerti ħabitats ta' qiegħ il-baħar li jaġixxu bħala żoni ta' trobbija u ta' tkabbir għall-ħut. Minbarra li jorbtu l-miżuri tagħhom mal-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali, bħal fil-każ tal-għasafar, l-Istati Membri tal-Mediterran, b'mod partikolari, jirreferu wkoll għal inizjattivi ma' organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd. Kampanji ta' sensibilizzazzjoni<sup>93</sup>, bħal dawk li jgħarrfu lill-konsumaturi dwar Prattiki sostenibbli tas-sajd jew li jimmiraw lis-sajjieda professjonali u dawk rikreattivi, jipprovdu valur miżjud għall-miżuri l-oħra aktar diretti. Xi<sup>94</sup> Stati Membri jsemmu l-ħtieġa għal aktar riċerka, speċjalment biex jifhmu x'impatti qed ikollhom il-pressjonijiet li jaffettwaw dan il-grupp ta' speċi.

Il-Polonja ddikjarat eċċezzjoni għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb, peress li ssostni li fatturi ambjentali oħra, bħat-tibdil fil-klima u fis-salinità, iwaqqfuha milli tagħmel dan. L-informazzjoni pprovduta tiġġustifika biss parti minn din id-dikjarazzjoni (mingħajr evidenza ta' tibdil fit-tendenzi f'indikaturi marbuta ma' tibdil prevedibbli fit-temperatura u fis-salinità). Ir-Renju Unit irrapporta eċċezzjoni ġustifikata minħabba ż-żmien meħtieġ sabiex il-popolazzjonijiet tal-ħut (bijomassa) jirreaġixxu għal tibdil fir-rati tas-sajd, flimkien ma' kundizzjonijiet bijoloġiċi u klimatiċi oħrajn. Tliet Stati Membri<sup>95</sup> rrapportaw li ser jiksbu status ambjentali tajjeb sal-2020.

**Miżura** → *Il-Ġermanja: il-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi dwar is-sajd sostenibbli*

Miżura ġdida fil-Ġermanja tikkonsisti f'kampanja ta' informazzjoni mmirata lejn varjetà ta' konsumaturi tal-frott tal-baħar sabiex tinholq sensitivizzazzjoni dwar "sajd sostenibbli u li ma jaġħmilx ħsara lill-ekosistema". Il-kampanja ser tiżviluppa materjal ta' taġħlim u ta' informazzjoni bbażat fuq l-aħjar *data* xjentifika disponibbli u fuq l-istat attwali tar-riċerka. L-għan huwa li l-konsumaturi jgħibu ruħhom b'mod li jaġħmel inqas ħsara lill-ambjent u li jappoġġja tekniki sostenibbli ta' sajd. Indirettament, l-għan tagħha huwa li tuża d-domanda

<sup>92</sup> Il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, Franza, l-Irlanda, l-Italja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>93</sup> Il-Bulgarija, Franza, l-Italja, il-Ġermanja, Malta, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>94</sup> Il-Bulgarija, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja u l-Portugall.

<sup>95</sup> Il-Belġju, Franza u l-Irlanda.



tal-konsumatur bħala inċentiv sabiex l-industrija tas-sajd tadotta prattiki aktar sostenibbli ta' sajd.

### Mammiferi u rettili

Il-mammiferi u r-rettili marini, bħall-balieni, il-foki u l-fkieren, huma affettwati minn qbid aċċessorju inċidentali minn attivitajiet ta' sajd kummerċjali, u mit-telf ta' habitats, minn kontaminanti, skart fil-baħar, ħabtiet ma' bastimenti u minn storbu sottomarin. Ħafna mill-Istati Membri rrapportaw li ħadu miżuri ta' protezzjoni spazjali permezz tad-Direttiva dwar il-Habitats sabiex jiproteġu l-habitats, inklużi s-siti fejn jgħammru, jieklu u jbejtu. Fil-fatt, ħafna mill-miżuri l-ġodda jiffokaw fuq il-protezzjoni spazjali, inklużi dawk għat-tnaqqis tal-istorbu sottomarin. Il-qbid aċċessorju inċidentali huwa regolat permezz tal-politika komuni tas-sajd b' miżuri ġodda dwar l-użu ta' rkaptu aktar selettiv. Madankollu, ftit huma l-Istati Membri<sup>96</sup> li jagħmlu r-rabta bejn l-iskart fil-baħar u l-mammiferi u l-fkieren, minkejja l-probabbiltà li dawn l-ispeċi jispiċċaw jibilgħu l-iskart jew jitħabblu fi rkaptu tas-sajd mitluf jew abbandunat. Diversi Stati Membri rabtu wkoll miżuri mad-Direttiva dwar l-Ippjanar Spazjali Marittimu<sup>97</sup> u mad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali<sup>98</sup>. Minbarra r-rabta tal-miżuri tagħhom mal-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali, ħafna mill-Istati Membri jorbtu l-miżuri mal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni taċ-Ċetaċji Żgħar tal-Baħar Baltiku u tal-Baħar tat-Tramuntana (ASCOBANS) u l-Ftehim dwar il-konservazzjoni taċ-ċetaċji tal-Baħar l-Iswed, tal-Baħar Mediterran u taż-żona Atlantika kontigwa (ASCOBAMS). Miżuri oħrajn jinkludu t-tnaqqis tal-impatt minn irkaptu tas-sajd mitluf u miżuri ta' mitigazzjoni fil-każ ta' tniġġis taż-żejt. Attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni bħall-għoti ta' informazzjoni lis-sajjieda dwar l-impatt ta' tekniki tas-sajd aggressivi fuq il-mammiferi u l-fkieren jew attivitajiet sabiex it-turisti jiġu mħeġġa jagħżlu attivitajiet turistiċi sostenibbli huma wkoll fost il-miżuri rrapportati.

Ftit Stati Membri<sup>99</sup> biss irrapportaw li ser jiksbu status ambjentali tajjeb sal-2020. Il-Polonja rrapportat eċċezzjoni u ddikjarat li mhux ser tikseb status ambjentali tajjeb sal-2020 għad-dniefel suwed minħabba n-natura migratorja tal-ispeċi u l-fatt li ħafna mill-qbid aċċessorju jseħħ barra mill-ibħra marini tagħha, ġustifikazzjoni li ma tidhirx fondata peress li l-kwistjoni ta' qbid aċċessorju minn barra l-ibħra tagħha tista' tiġi kkontrollata b' mod adegwat permezz ta' proċessi ta' sħubiji transfruntiera.

### **Miżura** → *L-Italja: it-tnaqqis ta' kolliżjonijiet ma' bastimenti*

Il-bastimenti huma responsabbli għal għadd sinifikanti ta' mwiet ta' ċetaċji fil-Mediterran. Permezz tal-proġett REPCET<sup>100</sup>, l-Italja għandha l-għan li tqiegħed softwer fuq kull bastiment biex jgħin fl-identifikazzjoni tal-preżenza u tas-siti taċ-ċetaċji taħt l-ilma, biex b'hekk jonqos

<sup>96</sup> Il-Bulgarija, Franza (għall-Atlantiku tal-Grigal), Spanja u l-Iżvezja.

<sup>97</sup> Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza (għall-Mediterran), l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>98</sup> Il-Bulgarija, Ċipru, il-Ġermanja, Franza (għall-Atlantiku tal-Grigal), l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

<sup>99</sup> Il-Belġju, Franza, l-Irlanda u r-Renju Unit.

<sup>100</sup> <http://www.repcet.com> .

I-għadd ta' kollizzjonijiet u r-rata ta' mortalità Il-miżura ser tħarreġ ukoll lill-operaturi tal-bastimenti biex jużaw tali softwer.

### Habitats tal-kolonna tal-ilma

Speċi li jgħixu f'habitats tal-kolonna tal-ilma jiffaċċjaw diversi pressjonijiet, bħal kontaminanti, ewtrofikazzjoni, speċi mhux indiġeni, estrazzjoni tal-ħut, qbid aċċessorju u rimi ta' skart. Il-programmi tal-Istati Membri rarament jorbtu l-miżuri għal dawn il-pressjonijiet mal-habitats tal-kolonna tal-ilma, li jagħmilha diffiċli għall-Istati Membri biex jiddeterminaw kif ser jinkiseb status ambjentali tajjeb għal dawn il-habitats. Għalhekk f'it li xejn kienu l-miżuri speċifiċi li ġew irrapportati.

Madankollu, il-pjanijiet ta' ġestjoni għaż-żoni protetti tal-baħar, l-implimentazzjoni tan-Netzwerk Natura 2000 tad-Direttiva dwar il-Habitats u l-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali oħra ta' protezzjoni spazjali jikkontribwixxu għall-benesseri ta' dawn il-habitats. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma għandha wkoll rwol permezz tat-tnaqqis tal-konċentrazzjoni ta' nutrijenti u ta' kontaminanti u t-titjib tal-kundizzjonijiet idroloġiċi, biex b'hekk jitnaqqsu l-kundizzjonijiet ewtrofiċi u t-tniġġis tal-ilmijiet marini. Tfasslu wkoll rabtiet reġjonali għal tipi ta' habitats oħra. Għal darb'oħra, tliet Stati Membri biss<sup>101</sup> irrapportaw li ser jiksbu status ambjentali tajjeb sal-2020, iżda l-ebda Stat Membru ma applika għal eċċezzjoni.

### **Miżura** → *L-Iżvezja: relazzjonijiet ta' pressjoni-stat għall-habitats tal-kolonna tal-ilma*

L-Iżvezja rabtet sew il-miżuri tagħha dwar il-bijodiversità ma' miżuri li jindirizzaw pressjonijiet speċifiċi fil-habitats tal-kolonna tal-ilma, u b'hekk tħares lejn il-pressjonijiet b'mod kumulattiv biex tiġi salvagwardjata l-bijodiversità tal-baħar. Dan l-approċċ komprensiv lejn il-kisba ta' status ambjentali tajjeb għall-bijodiversità jsegwi wkoll il-ħsieb wara d-Deċiżjoni 2017/848/UE. Dawn il-miżuri jindirizzaw:

- il-ħut u l-frott tal-baħar bil-qoxra kummerċjali permezz ta' regolamenti u l-immaniġġjar tas-sajd, żoni protetti tal-baħar u żoni b'għeluq staġjonali;
- l-ewtrofikazzjoni permezz tat-tnaqqis tat-tagħbija tan-nutrijenti fit-tul lokalment f'baġġiet ewtrofiċi u fil-Baħar Baltiku;
- il-kontaminanti permezz tal-immaniġġjar tal-iskariku ta' sustanzi perikolużi, bħal sustanzi kontra l-inkrostazzjoni u d-drenaġġ;
- l-ispeċi mhux indiġeni permezz ta' miżuri indiretti li jinkludu l-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni, pjanijiet ta' ġestjoni u miżuri ta' tnaqqis tar-riskji.

### Habitats ta' qiegħ il-baħar

Hemm diversi attivitajiet tal-bniedem li għandhom impatt fuq qiegħ il-baħar, b'mod partikolari minħabba tfixkil fiżiku, bl-aktar waħda prevalenti tkun dik tas-sajd kummerċjali li juża t-tkarkir tal-qiegħ. Maż-żmien, dan wassal għal telf sinifikanti ta' habitats sensitivi ta' qiegħ il-baħar u kkawża ħsara mifruxa fit-tul lill-habitats ta' qiegħ il-baħar. Attivitajiet oħra potenzjalment ta' ħsara jinkludu r-reklamazzjoni tal-art, operazzjonijiet portwali, ir-rimi ta' skart solidu (inkluż ħama mit-tħammil), l-estrazzjoni tar-ramel u taż-żrar mill-baħar, it-

<sup>101</sup> L-Irlanda, Franza u r-Renju Unit.

tqegħid ta' kejbils u ta' pajpijiet sottomarini u operazzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli. Fil-programmi ta' miżuri ġew inklużi approċċi regolatorji sabiex jiġu indirizzati ħafna minn dawn l-attivitajiet. Pereżempju, il-miżuri ta' protezzjoni spazjali huma l-istrument prinċipali tal-ġhażla, inklużi dawk taħt id-Direttiva dwar il-Habitats. Is-16-il Stat Membru kollha rrapportaw inizjattivi għall-ħarsien ta' habitats vulnerabbli mill-attivitajiet tas-sajd li huma armonizzati ma' miżuri għas-sajd sostenibbli (l-aktar ibbażati fuq il-politika komuni tas-sajd bħall-projbizzjoni ta' ċerti tipi ta' sajd, inkluż is-sajd li juża t-*tkarkir* tal-qiegħ, u l-introduzzjoni ta' rkaptu li jagħmel inqas ħsara lill-qiegħ il-baħar). Għodod regolatorji oħra li ssemew jinkludu valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali għal pressjonijiet oħra bħal-livelli ta' nutrijenti mill-akkwakultura. Fil-każ ta' effetti oħra tat-tniġġis, l-Istati Membri ssemew miżuri skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilima. Tfasslu wkoll rabtiet reġjonali għal tipi ta' habitats oħra. Il-ħsara lill-qiegħ il-baħar tista' sseħħ ukoll bħala riżultat ta' attivitajiet rikreattivi, bħall-ankrar ta' dgħajjes rikreattivi jew għas-sajd rikreattiv, li għalihom erba' Stati Membri<sup>102</sup> rrapportaw miżuri. Madankollu, ħafna drabi dawn il-miżuri kienu limitati għal żoni speċifiċi. Bħala riżultat, proporzjon sinifikanti ta' habitats ta' qiegħ il-baħar barra miż-żoni ta' protezzjoni spazjali u li huma milquta minn attivitajiet tal-bniedem fil-biċċa l-kbira tagħhom x'aktar ser jibqgħu ma jiġux indirizzati mill-Istati Membri.

Diversi Stati Membri wettqu wkoll attivitajiet biex tinħoloq sensibilizzazzjoni<sup>103</sup> dwar l-effetti distruttivi ta' ċerti metodi ta' sajd kummerċjali fuq il-habitats ta' qiegħ il-baħar u wettqu riċerka<sup>104</sup> li kienet tinkludi, pereżempju, l-immappjar tal-habitats ta' qiegħ il-baħar.

Ħames Stati Membri<sup>105</sup> rrapportaw li ser jiksbu status ambjentali tajjeb sal-2020, filwaqt li l-Polonja talbet għal eċċezzjoni u rabtitha ma' kundizzjonijiet naturali bħall-irkupru bil-mod tal-ambjent marittimu, speċi mhux indiġeni li nfirxu b'mod sinifikanti fl-ilmijiet Pollakki u żoni b'livelli staġjonali naturalment baxxi ta' ossiġenu. Madankollu, il-ġustifikazzjoni ssostni biss parzjalment l-eċċezzjoni peress li ma sar l-ebda sforz biex jiġu identifikati habitats speċifiċi affettwati mill-ispeċi mhux indiġeni u l-fatt li maġġoranza kbira tat-tnaqqis tal-ossiġenu fil-Baltiku hija meqjusa li hija dovuta għall-arrikkiment tan-nutrijenti.

**Miżura** → *Spanja: linji gwida għall-attivitajiet marittimi rikreattivi*

L-ankraġġ ta' dgħajjes jikkawża ħsara fiżika lill-qiegħ il-baħar u jista' saħansitra jwassal għat-telf ta' habitats ta' qiegħ il-baħar minħabba l-istat vulnerabbli tiegħu. Dawn l-impatti huma aktar severi f'qigħan tal-*algi* (*Posidonia oceanica* u *Cymodocea nodosa*) u fuq ċerti speċi inklużi fil-katalgu Spanjol ta' speċi mhedda, bħan-nakkra tal-ħarir (*Pinna nobilis*) u l-istilla tal-baħar (*Asterina pancerii*). Għal din ir-raġuni, Spanja nediet linji gwida għall-awtoritajiet biex din l-attività tiġi rregolata f'habitats protetti ta' qiegħ il-baħar. Dawn imorru lil hinn mill-attivitajiet li normalment huma indirizzati taħt id-Direttiva dwar il-Habitats.

**Kif sejr in l-Istati Membri?**

<sup>102</sup> Il-Belġju, il-Bulgarija, Franza u Spanja.


<sup>103</sup> Il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Italja, Malta u l-Portugall.

<sup>104</sup> Il-Bulgarija, Franza, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Polonja, il-Portugall, in-Netherlands, Spanja u l-Iżvezja.

<sup>105</sup> Il-Belġju, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda u r-Renju Unit.

## Miżuri kontra l-pressjonijiet

Fil-programmi ta' miżuri tagħhom, l-Istati Membri indirizzaw talanqas parzjalment għadd ta' pressjonijiet: l-introduzzjoni ta' speċi mhux indiġeni, is-sajd kummerċjali, l-influss ta' nutrijenti, il-pressjonijiet fuq il-habitats ta' qiegħ il-baħar, it-tibdil idrografiku, il-kontaminanti u r-rimi tal-iskart fil-baħar. Il-Figura 2 turi l-ammont ta' pressjonijiet li l-Istati Membri rrapportaw fil-valutazzjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 8 li ġew indirizzati b'mod xieraq permezz ta' miżuri.



**Figura 2 L-adeqgatezza tal-miżuri tal-Istati Membri kontra l-pressjonijiet (l-Istati Membri huma ppreżentati f'ordni ġeografika għal kull reġjun tal-baħar)**

Għal kull Stat Membru, l-għadd ta' drabi li l-miżuri speċifiċi għad-deskrittur ġew ivvalutati bħala li indirizzaw (aħdar), indirizzaw parzjalment (oranġjo) u ma indirizzawx (aħmar) dak li l-Istat Membru rrapportata fl-Artikolu 8 (eż "indirizzaw il-pressjonijiet" 100 % tfisser li l-programm jindirizza l-pressjonijiet irrapportati għad-deskritturi kollha).

### Skedi ta' żmien, l-implimentazzjoni tal-miżuri u l-effikaċja tagħhom

L-iskedi ta' żmien irrapportata mill-Istati Membri jipprovdu stampa mħallta dwar meta ser jinkiseb status ambjentali tajjeb, kif spjegat fit-taqsimiet rilevanti hawn fuq u kif ippreżentat fil-qosor fil-Figura 3. Dan jista' jkun parzjalment dovut għall-fatt li l-Istati Membri rrapportaw li xi miżuri kienu għadhom mhumiex fis-seħħ fl-2016 kif mitlub mid-Direttiva. Għandu jiġi nnotat ukoll li l-miżuri rrapportati mhumiex dejjem marbuta direttament mad-determinazzjonijiet ta' status ambjentali tajjeb u mal-miri ambjentali. Barra minn hekk, in-

nuqqas ta' konsistenza fuq livell (sotto)reġjonali<sup>106</sup> fid-definizzjoni tal-istatus ambjentali tajjeb tagħhom u d-diversi livelli ta' ambizzjoni tal-Istati Membri, iżidu mal-inċertezza dwar jekk il-miżuri humiex biżżejjed għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb sal-2020. L-implimentazzjoni sħiħa tad-Deċiżjoni 2017/848/UE hija mistennija tipprovdi approċċ aktar komparabbli u koerenti għal aġġornamenti sussegwenti ta' dawn id-determinazzjonijiet u b'hekk tappoġġja l-valutazzjoni tas-suffiċjenza tal-miżuri.




Figura 3 Skedi ta' żmien għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb kif irrapportat mill-Istati Membri

It-tieni osservazzjoni tirrigwarda l-probabbiltà tal-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, speċjalment il-miżuri l-ġodda (peress li l-miżuri l-oħra ġew irrapportati li huma għaddejjin, pereżempju, permezz ta' oqfsa ta' politika oħra). Jistgħu jiġu osservati tliet gruppi ta' Stati Membri.

Probabbli ħafna	Il-Belġju, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit	Dawn l-Istati Membri għamlu analiżi tal-kost-benefiċċji meta introduċew miżuri ġodda u indikaw dawk l-entitajiet li ser ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom. Irrapportaw ukoll li l-implimentazzjoni kienet diġà bdiet fl-2016, għalkemm xi miżuri ġew f'it aktar tard (2017 jew 2018).
Probabbli	Il-Bulgarija, il-Latvja, Malta, in-Netherlands,	L-analiżi tal-kost-benefiċċju kif irrapportata ma tkoprix il-miżuri l-ġodda kollha u dawn l-Istati Membri ma indikawx l-iskedi ta' żmien kollha. Minn dawk li ġew irrapportati, għadd kbir huwa mistenni li jiġi implimentat wara l-2018, b'xi wħud

<sup>106</sup> COM(2014) 97 final.

	il-Polonja, il-Portugall	minnhom wara l-2020. Ġeneralment l-Istati Membri indikaw l-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri.
L-ebda konklużjoni	Ċipru, l-Irlanda	L-informazzjoni pprovduta minn dawn l-Istati Membri ma tippermettix li tintlaħaq konklużjoni.

**Tabella 1 — Il-probabbiltà tal-implimentazzjoni ta' miżuri ġodda<sup>107</sup>**

Madankollu, il-valutazzjonijiet tal-kost-benefiċċju, meta saru, ma jgħidux l-istorja kollha. Barra minn hekk, l-awtorità ta' implimentazzjoni, il-finanzjament u l-allokazzjonijiet baġitarji ma kinux dejjem indikati, li jqajjem dubju dwar il-probabbiltà tal-implimentazzjoni tal-miżuri inkwistjoni. Lanqas ma ġew ikkwantifikati l-impatti potenzjali tal-miżuri u l-aktar l-aktar dawn ġew deskritti b' mod kwalitattiv.

Kieku r-rapportar sar f'livell xieraq ta' dettall dan kien jippermetti fehim aħjar ta' dak li l-miżura kienet qed timmira li tilħaq. Barra minn hekk, l-effetti tal-miżuri li kienu għaddejjin fuq l-ambjent tal-baħar ma setgħux jiġu mkejla. Għalhekk, ma kienx possibbli li jiġi kkwantifikat l-ammont tal-pressjoni li ser jitnaqqas u jekk il-miżuri nfushom humiex biżżejjed biex jinkiseb status ambjentali tajjeb. Filwaqt li huwa rikonoxxut li fil-każ ta' ċerti miżuri dan ma setax isir minħabba, pereżempju, lakuni fl-għarfien, kieku l-isforzi tal-Istati Membri setgħu jiġu tradotti f'valutazzjoni tanġibbli tal-effetti pożittivi li ser ikollhom fuq l-ambjent marittimu dan kien isaħħaħ il-valutazzjoni.

Osservazzjoni oħra hija li filwaqt li ħafna mill-Istati Membri jirreferu għall-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali rispettivi tagħhom u għal ftehimiet internazzjonali, xi Stati Membri jsemmu pjanijiet ta' azzjoni reġjonali u l-impenji reġjonali jew internazzjonali biss f'termini ġenerali mingħajr ma jispeċifikaw liema tip ta' miżuri qed jiġu implimentati. Għal darb' oħra, l-oġettiv intiż ta' dawn il-miżuri ma setax jiġi determinat. F'ħafna każijiet, il-miżuri ma jħarsux lejn reġjun jew sottoreġjun iżda huma limitati għal ambitu ġeografiku f'ibħra nazzjonali.

### **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

L-Istati Membri għamlu sforzi konsiderevoli biex jiżviluppaw il-programmi ta' miżuri tagħhom. Integraw politiki u proċessi nazzjonali, tal-UE u internazzjonali differenti bl-iskop uniku li jitħares l-ambjent tal-baħar. Ħafna mill-Istati Membri waqqfu wkoll miżuri ġodda biex jilhqqu b' mod speċifiku pressjonijiet fuq l-ambjent tal-baħar li kieku ma kinux ikunu koperti, u dan juri l-valur miżjud tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina. Madankollu, fil-każ ta' ċerti pressjonijiet ta' natura transfruntiera, in-nuqqas ta' koordinazzjoni reġjonali jew tal-UE jista' potenzjalment iwassal għal approċċ frammentat u ineffettiv biex tiġi trattata l-pressjoni. Fil-każ tar-rimi tal-iskart ta' plastik fil-baħar, issa l-problema qed tiġi indirizzata permezz ta' azzjoni fil-livell tal-UE, b' mod partikolari permezz tal-istrateġija Ewropea għall-plastik f'ekonomija ċirkolari u l-azzjonijiet sussegwenti tagħha.

<sup>107</sup> L-ebda Stat Membru ma ġie vvalutat bħala improbabli li jimplimenta l-miżuri l-ġodda tiegħu.

Madankollu, il-valutazzjoni turi li l-miżuri adottati mill-Istati Membri ma jkoprox tajjeb biżżejjed il-pressjonijiet kollha fuq l-ambjent tal-baħar. Il-programmi nfushom għandhom livelli differenti ta' ambizzjoni. Il-kisba ta' status ambjentali tajjeb sal-2020 fir-reġjuni marittimi Ewropej kollha u għall-11-il deskrittur tad-Direttiva tibqa' improbabli. Minkejja li huwa fatt magħruf li l-ekosistemi jirrispondu bil-mod għat-tibdil, dan huwa diżappuntanti għaliex ifisser li l-obbligu prinċipali tad-Direttiva — status ambjentali tajjeb — li huwa improbabli li jiġi ssodisfat fil-ħin. Fl-2018, l-Istati Membri huma mistennija jirrapportaw<sup>108</sup> dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-programm ta' miżuri tagħhom. Dan għandu jwassal għal fehim aktar ċar ta' fejn waslu bl-implimentazzjoni tal-miżuri kollha tagħhom.

Barra minn hekk sa Ottubru 2018 l-Istati Membri huma mistennija jippreżentaw rapport li jinkludi aġġornament tad-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb, tal-miri, u tal-valutazzjoni tal-istatus ambjentali tagħhom<sup>109</sup>. Il-Kummissjoni ser tibni fuq dawn l-elementi differenti biex fl-2019 toħroġ rapport ta' implimentazzjoni li ser jirrevedi l-progress<sup>110</sup>, qabel l-iskadenza tal-2020 lejn il-kisba ta' status ambjentali tajjeb.

Bħala konklużjoni, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija li hemm il-ħtieġa għal titjib fil-programmi ta' miżuri kollha - f'livelli varji għal pajjiżi differenti - sabiex dawn jitqiesu bħala qafas adegwat biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-Direttiva. Gwida applikabbli dwar il-modifiki meħtieġa hija inkluża bħala sett ta' rakkomandazzjonijiet fit-tabella hawn taħt. Il-gwida speċifika għal kull pajjiż qed tingħata fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet inklużi fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport<sup>111</sup>:

Kategorija	Rakkomandazzjonijiet
<p><b>Il-kejl tal-effikaċja:</b> <i>Referenzi internazzjonali u reġjonali</i></p>	<p><b>Fil-kejl tal-effikaċja tal-miżuri</b> l-Istati Membri għandhom:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• jidentifikaw il-miżuri għal kull reġjun jew sottoreġjun marittimu kkonċernat, pereżempju, billi jużaw pjanijiet ta' azzjoni reġjonali;</li> <li>• jispjegaw liema miżuri speċifiċi li joħorġu minn inizzjattivi reġjonali jew internazzjonali qed jiġu implimentati bħala parti mill-programm tagħhom u ma għandhomx jirreferu għal pjanijiet ta' azzjoni reġjonali u internazzjonali f'termini ġenerali;</li> </ul>
<p><b>Il-kejl tal-effikaċja:</b> <i>L-iskedi ta' żmien għall-implimentazzjoni, il-finanzjament u l-entità responsabbli</i></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• jidentifikaw l-iskedi ta' żmien għall-implimentazzjoni, il-finanzjament assigurat, u l-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri kollha tagħhom;</li> <li>• jipprovdu stima tad-dati alternattivi li fihom ser jinkiseb status ambjentali tajjeb jekk dan ma jkunx mistenni li jinkiseb sal-2020;</li> </ul>

<sup>108</sup> L-Artikolu 18.

<sup>109</sup> L-Artikolu 17(2)(a) u (b).

<sup>110</sup> L-Artikolu 20.

<sup>111</sup> L-Anness għal dan ir-rapport (SWD(2018)363) fih konklużjonijiet speċifiċi addizzjonali kif ukoll rakkomandazzjonijiet għal kull deskrittur u għal kull Stat Membru.

<p><b>Il-kejl tal-effikaċja:</b> <i>Rabta mal-miri</i></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• jużaw il-miri b’mod sistematiku bħala stadji importanti lejn il-kisba ta’ status ambjentali tajjeb permezz tal-miżuri;</li> </ul>
<p><b>Il-kejl tal-effikaċja:</b> <i>Rabta ma’ programmi ta’ monitoraġġ</i></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• jorbtu aħjar il-miżuri tagħhom mal-programmi ta’ monitoraġġ tagħhom meta dawn jerġgħu jiġu aġġornati fl-2020, biex jiġu vvalutati l-effetti tagħhom u għalhekk l-effiċjenza u l-effikaċja tagħhom fil-kisba tal-miri u ta’ status ambjentali tajjeb;</li> </ul>
<p><b>Il-kejl tal-effikaċja:</b> <i>Kwantifikazzjoni tal-pressjonijiet u r-rabta ma’ status ambjentali tajjeb</i></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• jikkwantifikaw il-pressjonijiet preżenti fl-ilmijiet tagħhom u l-livell mistenni ta’ tnaqqis tagħhom bħala riżultat tal-miżuri stabbiliti. Din tista’ tiġi ffaċilitata permezz ta’ sforzi ulterjuri biex jiġu indirizzati lakuni fl-għarfien u tiġi definita l-metodoloġija għal dawn l-istimi fuq livell reġjonali jew tal-UE. Barra minn hekk tali kwantifikazzjoni għandha tgħin biex torbot il-miżuri mal-kisba ta’ status ambjentali tajjeb.</li> </ul>
<p><b>L-indirizzar tal-pressjonijiet:</b> <i>L-indirizzar ta’ pressjonijiet li ma ġewx koperti b’mod adegwat</i></p>	<p><b>Fl-indirizzar tal-pressjonijiet, l-Istati Membri għandhom:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• ikopru l-pressjonijiet u l-attivitajiet tal-bniedem assoċjati aħjar, fosthom: l-introduzzjoni ta’ speċi mhux indiġeni mit-tbaħħir minħabba l-inkrostażżjoni bijoloġika, mis-sajd rikreattiv, l-arrikkiment tan-nutrijenti minn sorsi atmosferiċi, l-impatti kumulattivi minn proġetti individwali fuq il-kundizzjonijiet idrografiċi, l-influss ta’ kontaminanti minn sorsi atmosferiċi, l-introduzzjoni ta’ skart makro u mikro fl-ambjent tal-baħar minn attivitajiet kostali u dawk lil hinn mill-kosta, u l-ġenerazzjoni ta’ storbju sottomarin (kif ukoll is-sħana u l-enerġija jekk fattibbli) fl-ambjent marittimu minn diversi sorsi;</li> <li>• jiżguraw li kull Stat Membru fir-reġjun ikopri l-pressjonijiet prevalenti fl-istess reġjun jew sottoreġjun marittimu;</li> </ul>
<p><b>L-indirizzar tal-pressjonijiet:</b> <i>Kopertura spazjali għall-ispeċi u għall-habitats</i></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• jiżguraw kopertura ġeografika usa’ meta jindirizzaw il-pressjonijiet fuq l-ispeċi u l-habitats marittimi, speċjalment fl-ibħra miftuħa, sabiex il-miżuri ma jkunux limitati biss għal żoni spazjalment protetti;</li> </ul>
<p><b>L-indirizzar tal-pressjonijiet:</b> <i>Kombinazzjoni ta’ miżuri diretti u indiretti (intervent vs governanza/sensibilizzazzjoni)</i></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• jimplimentaw miżuri li jirregolaw jew li jiggwidaw dawk l-attivitajiet li għandhom impatt fuq l-ambjent tal-baħar, minbarra l-miżuri aktar orizzontali li jtejbu l-governanza, il-koordinazzjoni u li jipromwovu s-sensibilizzazzjoni;</li> </ul>
<p><b>L-indirizzar tal-pressjonijiet:</b> <i>L-Art.11 vs l-Art.13</i></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• jirrapportaw il-ġbir ta’ <i>data</i> u l-isforzi ta’ monitoraġġ taħt il-programmi ta’ monitoraġġ tagħhom għad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (l-Artikolu 11) u mhux taħt il-programm ta’ miżuri (l-Artikolu 13). Madankollu, meta l-għarfien ikun skars wisq biex jifasslu miżuri effettivi, huwa utli</li> </ul>



	<p>li jindikaw azzjonijiet li jkunu ħadu permezz ta' inizjattivi ta' riċerka biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet;</p>
<p><b>L-indirizzar tal-pressjonijiet:</b> <i>Ir-relazzjoni pressjoni-stat</i></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• itejbu r-rabtiet bejn il-gruppi ta' miżuri rrapportati għad-deskritturi tal-pressjonijiet u l-benefiċċji potenzjali tagħhom għad-deskritturi tal-istat, sabiex tkun tista' tinkiseb ħarsa ġenerali komprensiva tal-impatti;</li> </ul>
<p><b>L-indirizzar tal-pressjonijiet:</b> <i>Kamp ta' applikazzjoni spazjali tal-miżuri</i></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni spazjali tal-miżuri fid-dettall;</li> <li>• jespandu l-kamp ta' applikazzjoni spazjali tal-miżuri biex ikopri l-ilmijiet marini lil hinn mill-ilmijiet kostali, fejn hemm pressjonijiet rilevanti preżenti;</li> </ul>
<p><b>L-indirizzar tal-pressjonijiet:</b> <i>Eċċezzjonijiet</i></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• jipprovdu ġustifikazzjoni ulterjuri għall-eċċezzjonijiet skont l-Artikolu 14 li huma meqjusa teknikament infondati jew parzjalment fondati fil-valutazzjoni.</li> </ul>